# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Gużê Gatt

(*Ara għadd 73 paġ. 12*)

L-Isqof Cubelles beda l-proċess ta' dawn fl-1546. U billi f'dana l-proċess kien hemm ħafna x'wieħed iniżżel, il-ktieb li fih ġabar kullma ntqal, sar oħxon ħafna.

Wara li tressqu x-xhieda, u Cubelles ġabar it-tagħrif kollu li kien jinħtieġ, beda jressaq il-mixlijin wieħed, wieħed quddiemu. Għall-mistoqsijiet li beda jagħmlilhom, kollha wieġbu sewwa bħala nsara l-aktar twajba. Fuq hekk, ħalla lil kullħadd jerġa' jmur għal-riħu.

Kif mexa l-Isqof Cubelles f'dina l-biċċa ma kien ta' ebda siwi għad-Din tagħna. Li għamel ma kienx biż-żejjed biex iġagħalhom jintebħu, jindmu u jisgħobbihom mid-dnubiet li waqgħu fihom. B'hekk, dawk baqgħu mgħarrin fl-għeltijiet tagħhom, hekk li, wara żmien, kellhom jitressqu kollha mill-

ġdid, jew quddiem Cubelles, inkella quddiem l-ewlenin nies maħtura minn Ruma bħala Ingiżituri ta' Malta. U l-biċċa l-kbira tagħhom weħlu bħala ħatja fuq li reġgħu waqgħu mill-ġdid fl-għeltijiet li fihom kienu qabel.

Fil-bidu ta' l-1553, biex il-Gran Mastru d'Omedes u l-Kunsill ta' l-Ordni jkunu għamlu xi ħaġa ħalli jkun imħares id-Din tagħna, qatgħu li jieħdu ħsieb biex jilqgħu ħalli dan ma jkunx mittiesef f'dawn il-Gżejjer. Għal dina l-biċċa, l-Ordni ħatar erba' Kummissarji biex jipproċessaw lil dawk kollha li jaqgħu fl-għeltijiet. Fost l-ewlenin, qabdu lil Ċikku Ġiżwaldu. Lil dan tefgħuh fil-ħabs tal-Kastell Sant'Anġlu, u bdew jiġbru t-tagħrif fuqu.

Iżda l-Kummissjoni li semmejna ma kellhiex ħajja twila wisq. Waqt il-laqgħat tagħha, inkixef li Fra Mattija Castillo, dak li kien mat-tliet Kummissarji l-oħra biex iniżżel kullma jgħidu x-xhieda, kien għalet ukoll. Fuq hekk, Fra Mattija kien mitfugħ fit-Torri, u l-Kummissjoni spiċċat fix-xejn.

Fl-1560 qabdu lil Dun Indri Axiak, is-Surmast ta' l-Università, flimkien ma' Duttur Pietru Cumbo. Dawn kienu mibgħuta lejn Ruma mgħassin tajjeb.

Sakemm Dun Indri Axiak kien maqbud fuq li għalet, kien għadu jaqdi lill-Università ta' l-Imdina bħala Surmast ta' l-Iskola tagħha. L-aħħar ħlas li sibna tiegħu kien dak li ħa fit-8 ta' Diċembru, 1560. Tawh uqija ta' tliet xhur li bdew mill-1 ta' Settembru u għalqu fl-aħħar ta' Novembru. Mela, lil Dun Indri Axiak ħaduh lejn Ruma għall-ħabta ta' l-aħħar tas-sena, 1560. U tawh ta' tliet xhur, billi ma' l-Università għamel sa Novembru biss, għax qabel, il-ħlas tiegħu kien isir kull 4 xhur.

Wara t-tluq ta' Dun Iudri Axiak minn hawn, l-Iskola ta' l-Università baqgħet battala minn Surmast u, għal xi żmien, sfât fix-xejn.

Il-ħtija ta' l-egħluq ta' l-Iskola ta' l-Imdina aktarx li kien dak li ġara lil Dun Indri. U, ma għandniex xi ngħidu, il-biċċa ta' dan ma setax ikun li ma tagħmilx ħoss kbir fost in-nies tal-Gżira. Għalhekk mhix ħaġa kbira li n-nies bdiet titmeżmeż u titbażża' li tibgħat it-tfal tagħha fl-Iskola ta' l-Università, u mħabba f'hekk din kellha tagħlaq. Jista' jkun ukoll, li l-Ġurati ta' l-Università ta' l-Imdina meta raw xi ġralhom fis-Surmast tagħhom, għalqu l-Iskola malajr, biex ma jiġux f'ilsien in-nies. Ma dankollu, kienet x'kienet il-biċċa, l-Iskola baqgħet magħluqa, u minngħajr surmast, għal bosta żmien. Mill-anqas, hekk jidher, kif stajna naqbdu mill-kitba li ġiet f'idejna. F'dil-kitba ma sibna mniżżel xejn fiha li turi li l-Università baqgħet toħroġ xi flus għall-Iskola ta' l-Indina, jew għas-Surmast tagħha wara, li Dun Indri Axiak kien spiċċa minn magħha.

Kif kien baqa' Duttur Pietru Cumbo f'Ruma, ma hux magħruf. Iżda Dun Indri Axiak, wara li dam miżmum fil-Ħabs tas-Santu Uffizzju sat-2 ta' Settembru 1561, kien mibgħut lejn Malta b'amar li jżomm id-dar tiegħu bħala ħabs: jiġifieri jibqa' magħluq f'daru, bla ma jista' joħroġ xejn. Ġie mibgħut ukoll amar lill-Isqof Cubelles biex, quddiem l-akbar ġemgħa ta' nies li jista' jkun hemm fil-Kattidral, ixandar is-sentenza li s-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma tat lil Dun Indri Axiak. Barra minn hekk 'l-Isqof kellu jġagħal ukoll lil Dun Indri ħalli, quddiem dawk in-nies kollha li jkun hemm fil-Kattidral, jerġa' jagħmel mill-ġdid iċ-ċaħda ta' l-għeltijiet li kien waqa' fihom.

Naħsbu li fuq li nkixef fil-proċess li sar tad-Duttur Pietro Cumbo u Dun Indri Axiak, Ruma rat li ż-żerriegħa tat-tagħlim ta' Luteru għamlet in-nebbieta u x-xniexel sewwa f'xi wħud mill-Maltin. Għalhekk malajr ħadet ħsieb biex tilqa' għal din il-biċċa. Fil-21 ta' Ottubru 1561, is-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma ħatret lill-Isqof Cubelles bħala Ingiżitur ta' Malta b'dawk is-setgħat kollha meħtieġa.

Ferris igħid li l-ewwel laqgħa li għamel Cubelles f'dina l-Qorti ta' l-Ingiżizzjoni kienet dik li saret fil-11 ta' Awissu, 1562. F'din il-laqgħa kienu mixlija ħafna nies: sekulari, qassisin u kavalieri ta' l-Ordni. Oħrajn dehru minn rajhom bla ħadd ma xlihom.

Biex igħin lill-Isqof f'dina l-Qorti, bħala Assistent tiegħu, minn Ruma kien jintbagħat dejjem xi patri għaref Dumnikan.

Għalkemm Ferres igħid li Cubelles beda jaħdem ta' Ingiżitur f'Awissu ta' l-1562, fis-sena ta' qabel (fl-1561), insibu li l-Qorti tagħna ħarqet ħaj lil wieħed li waqa' fl-għeltijiet. Dan kien jismu Fra Tumas Petit. Fra Tumas, fiż-żmien li kien miżmum fil-Forti San Mikiel, baqa' hemm ukoll ixandar l-għeltijiet tiegħu quddiem in-nies.

Dak li ipproċessa lil Fra Tumas Petit, u aktarx ukoll lil Ċikku Ġiżwaldu, jaħsbu li kien Patri Anġlu minn Kremona. Dan kien ġie hawn Malta bħala Kummissarju Apostoliku biex aktarx igħin lill-Isqof Cubelles fil-proċessi li saru tat-tnejn min-nies li semmejna.

Kemm Ġiswaldu u kemm Petit baqgħu jwebbsu rashom fl-għeltijiet tagħhom sa l-aħħar. Fuq hekk, spiċċaw biex ġew mitmuma t-tnejn fin-nar mill-Qorti tagħna.

Il-proċessi ta' Ġiswaldu u ta' Petit ma jinsabux fl-Arkivju tal-Ingiżitur ta' Malta. Lanqas ma huma msemmija ma' dawk il-proċessi l-oħra li kienu saru mill-Isqfijiet Cubelles u Royas, meta din il-ġabra ta' proċessi tawha f'idejn Mons. Duzzina fl-1574. Għalhekk jaħsbu li Patri Anġ, dak li 'l fuq semmejna, kien bagħathom lejn Ruma.

Għedna li lil Petit spiċċawh fl-1561. Iżda f'liema sena lil Ġiswaldu tawh il-mewt wara li kien maqbud mill-Ordni fl-1553, ma sibniex. Li Ġiswaldu kien maħruq ħaj, bla ma jissemma meta sewwa, igħidu Patri Salelles, dak li kiteb ħafna dwar l-Ingiżizzjoni.

Il-ħerba li kien għamel Ġiswaldu f'Malta, bit-tagħlim qarrieqi tiegħu, kienet kbira wisq. U biex issewwiet il-ħsara li saret kellu jgħaddi bosta żmien. It-tagħlim tiegħu kien inxtered mhux hawn biss, ma ġera barra minn Malta wkoll. Fuq hekk, kien imfittex sa mill-Ingiżizzjoni ta' Messina.

Meta l-Isqof Cubelles laħaq bħala Ingiżitur, kellu x'jagħmel ħafna biex iqaċċat l-għeruq taż-żerriegħa ħażina li kien hawn miżrugħa, il-biċċa l-kbira xogħol Ċikku Ġiżwaldu li semmejna (1).

Ħafna milli bdew jitressqu fil-Qorti tal-Ingiżitur ta' Cubelles, kienu minn dawk li fl-1546 issejħu biex jidhru wkoll quddiem dana l-Isqof. Iżda did-darba l-biċċa ta' dawn saret aħjar bil-qabda mid-darba l-oħra. Dawk li kennu ipproċessati u nidmu minn dnubiethom, kienu mġiegħala li jagħmlu ċ-ċaħda ta' l-għeltijiet tagħhom quddiem in-nies; l-oħrajn, li l-ħtija tagħhom ma kenitx wisq kbira, għamluha fil-magħluq.

Fost dawk li nidmu, insibu lill-Kjeriku Wenzu Falzon u lil Matti Falzon (is-Saħħar Falzun !) Għalkemm dawn urew li nidmu, l-Isqof Cubelles waħħalhom li jżommu l-Gżira bħala ħabs tagħhom: jiġifieri ma jkunux jistgħu isiefru minn hawn. Is-sentenza ta' Wenzu saret fit-22 ta' Lulju 1563 u ta' Matti fis-16 ta' Jannar 1564.

(Jissokta)

---

(1) Fuq dana Ġiżwaldu, wieħed Avukat Malti, jismu Gejtu Gauci li sawwar bħal ġrajja fir-Rivista "Malta Letteraria", fil-għadd li ħareġ fi Frar 1905 fil-ġrajja qal li hi "Rakkont Storiku" semmiha "Il condannato al supplizio del rogo".

Il-kitba ta' Dr. Gauci ntogħġbot. Fl-1912 ħarġet bil-Malti, miġbura fi ktieb żgħir. Ġiebha fi Lsienna Ġanni Sapiano Lanzon. Dal-ktieb deher taħt l-isem ta' "L-ikkundannat għall-ħruq fi żmien l-Ingiżizzjoni f'Malta." Lanzon ħarġu mill-istamperija li f'dak iż-zmien kellu fil-Hamrunk.

Maż-żmien, il-ktieb bil-Malti ta' Lanzon, intesa. Iżda mhilux wisq, reġgħu qalbuh fi Lsienna mill-ġdid il-kitba ta' Gauci u ġiebuha fid-"Dr. Xekkek."